# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## L-Għaxar LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 04/2024

**Data tal-laqgħa:** 7 t'Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 41, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fil-17.00 ta' filgħaxija.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Matthew Agius Zammit | ***Sindku*** |
| Bernice Caruana | ***Viċi Sindku*** |
| Loranna Bonnici | ***Kunsilliera*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsilliera*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Franklan Debono | ***Aġent Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

## 4.1 Qari tal-Ittri tal-Apoloġiji

4.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 4

4.2.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 4 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Matthew Agius Zammit, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Bernice Caruana, dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill li fi Triq San Ġwann hemm siġra li qed tagħmel xi ħsarat fil-bankini u residenza.

4.3.1.1 Is-Sindku tallab li jkun hemm rapport mill-perit mil-partijiet i mingħandhom twassal l-ilment biex jaraw x'jista jsir dwar dan ir-rigward.

4.4.1.2 Is- Sindku żied jgħid li jekk dan ir-rapport jasal għand il-Kunsilll ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni li jaqblu mad-deċiżjoni tal-perit. U fuq dan kien hemm kunsens unanimu mill-memnri kollha tal-Kunsill,

4.3.2 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar attivita' fejn ħa jiġabar iż-żebbuġ u l-ħarrub.

4.3.2.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk tinterseahomx din l-attivita. Iżda' peress li kien hemm nuqqas ta'

informazzjoni ta' liema lokalita' dawn ħa jinġabru, il-Kunsilliera xtaqu li jkollhom iktar informazzjoni.

4.3.2.2 Għaldaqstant intabgħtet imejl lill-entita' li qed torganizza din l-attivita; li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop interssat imma jixtieq iktar informazzjoni dwar dan ir-rigward. .

4.3.3 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand persuna li għandha diżabilta' u li qed tagħmel bosta attivitajiet fosthom 'showcase' ta' memorabilja tal-futbol biex tiġbor fondi għal vann li jkun aċċesibli għalih. Din il-persuna staqsiet jekk il-Kunsill jistax ikun ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

4.3.3.1 Is-Sindku ssuġġerixa li tingħata s-sala tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop bħala post fejn ikun jista' jsir dan is-'showcase' u l-kunsillera kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

4.3.3.2 Għalhekk intbagħtet imejl lil persuna kkonċernata b'din id-deċiżjoni.

4.3.4 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill bagħtu lil bosta entitajiet biex issir Road Hump fejn hemm Triq L-Imdina U Triq il-Fieres kantuniera ma' xulxin għaliex qed ikun hemm bosta inċidenti tat-traffiku.

4.3.4.1 Is-Sindku żied jgħid li fil-komuunikazzjoni li nbagħtet lil entitajiet ikkonċernati ġew mehmuża bosta ritratti ta' inċidenti varji, iżda dan qatt ma' ħa l-ebda risposta lura.

4.3.4.2 Is-Sindku kompla jgħid li s-sigurta' tar-residenti tiġi l-ewwel u qabel kollox, għalhekk ġie propost li terġa' ssir komunikazzjoni mal-entitajiet kollha kkonċernati u jekk fi żmien erbat ijiem ma jkunx hemm risposta il-kunsill imexxi billi ssir ir-Road Hump u wara ssir applikazzjoni għaliha. Il-Kunsillera kollha preċenti qbalu ma' idn id-deċiżjoni.

4.3.5 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż biex titneħħa r-road hump li kien hemm fi Triq l-Aħfar u li kull meta tagħmel ix-xita kienet qed iżomm ammont kbir ta' ilma milli jiskula.

4.3.5.1 Is-Sindku kompla jgħid li meta ir-road hump tneħħit kien hemm xi lmenti li issa l-karozzi qed jgħaddu b'aċċelerazzjoni għolja.

4.3.5.2 F'dan ir-rigward xi deċiż mil-Viċi Sindku Bernice Caruna, il-kunsilliera Loranna Bonnici u s-Sindku Matthew Agius Zammit biex ir-road hump terġa' titwaħħal ftit 'l isfel milli kienet suċċesivament.

4.3.5.3 Il-kunsillera Loranna Bonnici ssuġeritli ma titwaħalx road hump kompluta, iżda titwaħħal road hump li jkollha biss il-ġnub u ma tkunx sħiħa. F'dan ir-rigwrad kien hemm qbil mingħand il-membri kollha.

4.3.6 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza rigward ġbir ta' informazzjoni – Proġett promozjoni tal-Wirt Kulturali, fejn il-kunsill intallab jiġbor informazzjoni fuq in-niċeċ li hemm manwar Ħal-Kirkop biex jiġu mxxandra fuq *features* fuq pgogramm televiż Malti bit-titlu 'Niċeċ'.

4.3.6.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-viċi sindku Bernice Caruana kienet ħa tipprovdi l-informazzjoni rigward in-niċeċ li jinsabu ġewwa l-lokalita' ta' Ħal Kirkop.

4.3.7 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva korrispondenza li ġie aċċetat it-trasferiment tas- Sr. John Wayne Attard Butler mal-Kunsill ta' Ħal Kirkop.

4.3.7.3 Wara d-diskussjoni tat-trasferiment ġie diskuss ukoll il-kuntratt ta' Sr. Mario Abela, fejn fuq qbil unanimu il-membri kollha qablu li dan għandu jiġġeded. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ikkonferma li ħa jibgħat imejl lill-persuna kkonċernata biex dan il-kuntratt jerġa jiġi eżtiż.

4.3.8 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill fuq id-dati ta' meta t- toroq Triq San Gwann/ Triq il Kuccard ħa jiġu affetwati ħabba n-nar tal-festa.

4.3.8.1 Is-Sindku kompla jgħid li r-rotot ta' tal-linja ħa jkunu mil-entratura għal Ħal Safi dik f' direzzjoni ta' Zurrieq; meta ma jkunx hemm servizz u din l-entratura għal Hal Kirkop tkun

hekk ukoll meta Triq il-Kuċċard u Triq San Ġwann ikun magħluqin.

4.3.8.2 Is-Sindku żied jgħid li fl-opinjoni tiegħu l-unika entratura u ħruġ vijabli meta dawn it-toroq ikunu magħluqa hija Triq Dun Ġużepp Barbara.

4.3.8.3 Għaldaqstant is-Sindku Matthew Agius Zammit ressaq din l-applikazzjoni lil Pulizija, fejn ġie anness dan id-dokument bid-devjazzjonjiet kollha.

4.3.9 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li ġewwa Triq San Pietru hemm problema fs-sistema ta' dranaġġ u qabel ma tisoslva din l-inkovenjenza ma tistax issir it-triq. Għalhekk il-membri qablu li tintbagħat ittra lir-residenti kollha ta' Triq San Pietru biex jiġu nfurmati b'dak li qed isir u li l-Kunisll qed jagħmel l-għalmu kollha biex titnaqqas kull inkonvenjenza iżda fl-istess ħin isir ix-xogħol sewwa.

4.3.10 Il-Viċi Sindku Bernice Caruna telqet mil-laqgħa 6.40 pm. Is-Sindku Matthe Agius Zammit kien innotat qabel il-laqgħa minn dan it- tluq. .

4.3.11 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is- Sr Daniel Bonniċi dwar pjazza Zerniq, fejn irċieva ir-rapport finalizat dwar ix-xogħlijiet li twetwu u li ma hemm ebda ħsara.

4.3.11.1 Is-Sindku żied jgħid li ħa darba hemm id-dokument min-naħa tal-perit li kolox huwa sodisfaċenti, min-naħa tal-kunsill jista' joħroġ ir-rapport tan-'no compliance'.

4.3.12 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-'Light Pollution Awareness Group ASM' fejn bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f' għeluq l-40 sena mit-twaqqif tas-Soċjeta' Astronomika f'Malta, talbu sabiex jagħmlu lejla ta' osservazzjoni u għarfien astronomiku bit-telescopes ġewwa Hal Kirkop.

4.3.12.1 F'din il-korrispondenza il-Light Pollution Awareness Group ASM allokaw għażla ta bosta ġarnet meta tista' ssir din l-attivita. Il-membri qablu li din l-attivita' għandha ssir fit- 8 ta' Settembru, 2024 ġewwa Pjazza Żerniq.

4.3.12.2 Susegwement, ġie deċiz li tinbagħat imejl lil Light Pollution Awareness Group ASM biex jiġu infurmati bil-ħin u l-allokazzjoni għall-avvenimnet u jiġu mistoqsija iridux xi arranġamenti min-naħa tal-kunsill għal dan l-avvenimnet, biex nassiguraw irwieħna li ma jkunx ser jinħoloq inkonvenjent għal terzi.

4.3.13 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-LESA dwar proġett li jismu ' Traffic Management Plan' fejn ġie spjegat li dan isisr studju fuq medda ta' żmien biex issir stujdu fuq it-toroq l-iktar frekwentati u kif tista' titnaqqas il-konġestjoni.

4.3.13.1 Is-Sindku żied jgħid li din hemm żewġ għazliet kif il-kunsill jista' japplika għaliha. Jew bl-għażla ta' tender jew jieħsu ħsieb l-entita' tal-Malta University Consultation.

4.3.13.2 Wara li saret diskussjoni kien hemm qbil li l-kunsill japplika għaliha permezz tal-Malta Univeristy Consultation.

4.3.14 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mir-Retial Banking Department fi ħdan il-BNF Bank, fejn talbu laqgħa mas-Sindku sabiex jiġu diskussi attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokai ta' Hal Kirkop.

4.3.14.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex tinstab data konvenjenti u ssir il-laqgħa mitluba.

4.3.15 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar proġett biex tittranġa Misraħ Zerniq.

4.3.15.1 Fid-diskusjsoni is-Sindku qal li kien qiegħed f'komunikazzjoni ma' Ing. Zammit biex tinxtegħel il-funtana ta' Misraħ Żerniq. Iżda dan ma jistax isir għax instabu l-pompi misruqin.

4.3.15.2 Għaldaqstant ġie deċiż li jiġi nfurmat is-Sr Mario Abela biex jagħmel katnazz u jagħmlel shutter ta' ġol-ġibja u kif ikun hemm tiġi mtella' wkoll il-pomba 'submersibe' biex tittrangħa wkoll.

4.3.15.3 Fil-komunikazzjoni tiegħu l-Ing. Zammit ta l-parir li l-kunsill jagħmel talba għad-dani u t-tiswijiet neċċesarji li hemm, fosthom is-sistems ta' ECB, dawl u panelli.

4.3.16 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kirkop Pageant Group fejn talbu laqgħa ta' kortesija mal-Kunsill il-ġdid.

4.3.16.1 Is-Sindku żied jgħid li l-għan ta' din il-laqgħa hu sabiex dan il-grupp jaqsam il-pjanijiet li għandu għall-futur u jinstabu opportunitajiet kif din l-għaqda tista tkun ta' għajnuna għall-Kunsill.

4.3.16.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex issir il-laqgħa tentattiva għas- 27 t'Awwisu, 2024.

4.3.17 Is-Sindku Matthew Agius Zammit informa lill-Kunsilliera preżenti dwar prposta biex issir ġemelaġġ ma' Franza fir-rigward ta' San Anard u banda tal-istes patrun.

4.17.2 Din il-propsota ma ġietx milqugħha mil-membri l-oħra abażi li tista' tidħol xi polemika fuq il-festa bejn il-każini ta' Hal Kirkop.

4.17.4 Għaldastant xi ssuġerit li tinkiseb iktar informazzjon dwar ġemelaġġ li jista' jsir fuq affarijiet li tista' tipprovdi l-lokalita' ta' Hal Kirkop. Fosthom l-Irkotta.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.4.1 Il-Viċi Sindku Bernice Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

4.4.2 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici qalet li Kirkop Nursery avviċinawa u staqsew jekk jistgħux jagħmlu użu mil-grawnd li jinsab ġewwa l-iskola Primarja ta' Hal Kirkop. Staqsew ukoll jekk il-kunsill jistax hgħin fit-tindif tal-premessi tagħhom. U urew ukoll ix-xewqa li junu avviċinati iktar mil-Kunsill meta jkun hemm xi attivitajiet tal-lokal.

4.4.2.1 It-Tweġibiet tas-Sindku Matthew Agius Zammit kienu; rigward il-grawnd ħa jaglmel laqgħa mal-Head tal- Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop fejn ikun jista jressaq din it-talba u jiddiskutuwha. Rigward ix-xogħol tal-premessi, il-kunsill ma jidħolx fiha. Fir-rigward tal-attivitajiet, ittieħdet nota bie xkull avveniment il-Klabb tal-futbol ta' Ħal Kirkop jiġi mistieden.

4.4.3 Il-Kunsillier Joseph Schembri qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

4.4.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju

## 4.6 Rapport tal-Ilmenti

4.6.1 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar 'yellow line' li hemm Triq San Pietru Kantuniera ma' Triq Valletta. Fejn jidher li hux ċar jekk tistax tipparja jew le. Peress li hemm kemm linji bojod kif ukoll sofor

4.6.1.1 Is-sindku Matthew Agius Zammit, qali li kein ħa azzjoni ersonali u kien waħħal tabella ta' 'no parking' għal ġimagħtejn u f'dawk il-ġimgaħtejn ma kienx hemm intoppi.

4.6.1.2 Għalhekk kien hemm qbil unanimu li jaraw kif inħareġ il-permess mingħand Transport Malta; ħalli fil-każ issir refreshing tal-ispazju tal-parkeġġ; dan għaliex ma hemm bżonn l-ebda permess mingħand l-entita' ta ' Transport Malta.

4.6.2 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar bankina fejn qed jitħallew boroż bil-ħrieqi fil-'bins' u r-riħa li jipproduċu qed tkun ta' inkovenjent fuq ir-residenti li joqogħdu fuq dik in-naħa.

4.6.2.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit ssuġerixa li jistaqsi lir-residenti biex ikollhom stima tal-ħin li qed jiġu mitfugħha dawn il-ħrieqi, biex madwar dak il-ħin jintbagħtu uffiċjali tal-LESA kif ukoll il-Puluzija tal-Kommunita' .

4.6.3 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar ħruġ ta' ilma monn fejn il-mera ġewwa Triq Valletta. Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li kien diġa sar rapport lill-Waste Services fejn ħadu kampjun u wara diversi testijiet ħassbu li kien dranaġġ imma wara iktar testijiet instab li ma kienx il-każ u li sal-aħħar ta' din il-ġimgħa għandu jiittranġa il-ħruġ tal-ilma.

4.6.4 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar il-ħmieġ eċċessiv li qed ikun hemm fi Triq iż-Żebbiegħ. Is-Sindku Matthew Agius Zammit stqar li kien diġa mar jitkellem mar-residenti ta' hemmhekk u jidher li ħa jikkopperaw f'dan ir-rigward.

4.6.4.1 Jekk ma jkunx hemm koperazzjoni mir-residenti. Is-Sindku Matthew Agius Zammit ppropona li l-Kunsill joħroġ Multa għall-blokk kollu u fuq din kien hemm qbil unanimu.

4.6.5 Il-Kunsillera Loranna Bonniċi resqet ilment dwar l-istat tal-Bandli ta' Triq il-Barrieri, speċjalment it-tapit li kellu jittranġa u għadu fi stat ħażin u li hemm minnu li lanqas inqala'.

4.6.5.1 Is-Sindku Matthew Agius Zammit issuġerixa li jiġi ċċekjajt it-tender li sar biex jiġi ċċekkjat eżatt x'hemm fih rigward it-tapit ta-bandli.

4.6.7. Il-Kunsillier Joseph Schembri ilmenta u anke ssuġerixxa biex meta l-membri jiġu biex jitkellmu dan isir meta wiħed ikun imissu u ma jkunx hemm ċbiż fin=nofs ħalli b'hekk jinftiehem iktar min ikun qed jitkellem u jingħata iktar ċans lill-membru li jkun qed jati l-opinjoni. Fuq dan kien hemm qbil mil-membri kollha.

4.6.8 Il-Kunsillier Joseph Schembri lmenta u ura tħassib qawwi fuq Triq Salvu Sacco fejn qed isir sewqan eċċessiv , għalkemm saru diversi rapporti anke lill-Puluzija tal-Kommunita'. Dawn qatt ma dehru javviċinaw dawn l-akkwati.

4.6.9 Il-Kunsillier Joseph Schembri lmenta fuq fuq is-'Soft Area' fejn jixtieq li tiġi diskussa l-petizzjoni li hemm għadejja min-naħa tar-residenti rigward parkeġġ. Is-Sindku Matthew Agius Zammit qal li jaf b'din il-petizzjoni fejn ir-residenti qed jitolbu isir parkeġġ maġenb il-park u min għandu charging cars ikun hemm iktar charging points gaħl dawn ir-residenti.

4.6.10 Il-Kunsillera Ritienne Caruana lmentat biex il-kunsill jippromwovi iktar is-'Silver T', speċjalment fuq il-Facebook Page għax hemm ħafna resident li ma jafux x'inhi s-Silver T u x'servizz toffri.

4.6.11 Il-Kunsillera Ritienne Caruana lmentat fuq kif il-bandli ta' Triq il-Barrieri huwa mitluq ħafna u l-kunsillera bdew jiġu b'ħafna ideat u proposti dwar x'jist jsir. Is-Sindku Matthew Agius Zammit kompla jsaħaħ dan billi qal li l-Kunsill jista' jġib fondi mil- GAL Xlokk u important li dawn il-proposti jitniżżlu biex ikun jista' jippreżenthom fil-laqgħa li jmiss.

4.6.12 Il-Kunsillera Ritienne Caruana lmentat dwar il-periklu li ġej minn sewaqn eċċessiv fit-Triq San Nikola. Residenti fosthom l-anzjani u familji bit-tfal qed jinkwetaw ħafna ħabba s-sigurta' tagħhom.

4.6.13 Il-Kunsillera Ritienne Caruana lmentat fuq stejġ tal-linja li jinsab fejn il-klinik biex tiġi msaqqfa din l-istejġ. Dan ġie diskuss li mhux possibli il-għaliex l-istejġ jinsab fuq il-bankina u ma tistax titieħed parti mill-għalqa li tinsab fuq wara.

4.6.14 Il-Kunsillera Ritienne Caruana lmentat li kien hemm bosta lmenti fuq ammont ta' ġrieden li jinsabu fi Triq Karwija. Dan huwa ta' inkiwt ukoll, pero' wara li ġie diskuss dan l-ilment, hemm ftit x'jista' jsir dwar dan ir-rigward.

4.6.15 Il-Kunsillera Ritienne Caruana resqet suġġeriment dwra jekk jistgħux isiru tabelli fit-toroq Triq Danny Cremona u fi Triq San Remiġġ li f'dawk l-akwati hemm il-qtates biex b'hekk titnaqqas l-ammont ta' veloċita li s-sewwieqa jkunu għaddejin biha.

## 4.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 2024

4.7.1 L-Aġent Segretarju Ezekuttiv ppreżentat ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena. Fejn ġew spjegati xi kliem u t-tifsira tagħhom.

4.7.2 Wara, ġie spjegat l-infiq li sar matul it-tieni kwart tas-sena. Fejn il-viċi sindku u l-kunsillera l-preżenti urew tħassib fuq is-somma li tħalset fuq l-infiq tal-bandli; meta dan, skond il-membri għadu fi stat ħażin u jidher li ma kien hemm l-ebda titjib.

4.7.4 Fuq dan ir-rigward, kien qbil b'mod unanimu li jiġi segwit sew x'qed isir fil-bandli u fejn qiegħed imur l-infiq.

## 4.8 Attivita' għal Tmiem is-Sajf għat-Tfal

4.8.1 Il-Kunsilliera Loranna Bonnici qasmet bosta ideat li kellha għal din l-attivita' fosthom semmet l-punt li l-attivatijiet ikunu b'sistema ta' tokens biex b'hekk ikun hemm iktar bilanċ u ma jkunx hemm qbiż eċċessiv fil-ħruġ.

4.8.2 Issemma wkoll il-puntl i għandu jsir reklamar sewwa ta' din l-attivita' fosthom posters u reklamar fuq il-media soċjali.

4.8.3 Kien hemm qbil sabiex isiru laqgħat mal-għaqdiet tar-raħal sabiex nitolbu l-kollaborazzjoni tagħhom għal waqt din l-attivita' fis-27 t'Awwissu

tokens biex b'hekk ikun hemm iktar bilanċ u ma jkunx hemm qbiż eċċessiv fil-ħruġ.

4.8.2 Issemma wkoll il-puntl i għandu jsir reklamar sewwa ta' din l-attivita' fosthom posters u reklamar fuq il-media soċjali.

4.8.3 Kien hemm qbil sabiex isiru laqgħat mal-għaqdiet tar-raħal sabiex nitolbu l-kollaborazzjoni tagħhom għal waqt din l-attivita' fis-27 t'Awwissu

## 4.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

4.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 153 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

4.9.2 Is-Sindku Matthew Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 153 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Loranna Bonnici, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 4.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

410.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

4.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar t-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024 fil-17:00hrs.

4.10.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:05hrs.

Aġent Segretarju Eżeuttv

Franklan Debono